22004D0017

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 17/2004

tad-19 ta' Marzu 2004

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni Nru 169/2003 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tal-5 ta' Diċembru 2003 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/61/KE tat-18 ta' Ġunju 2003 li temenda d-Direttivi 66/401/KEE dwar il-bejgħ ta' żrieragħ tal-pjanta ta' l-għalf, 66/402/KEE dwar il-bejgħ ta' żrieragħ taċ-ċereali, 68/193/KEE dwar il-bejgħ ta' materjal għat-tnissil veġetattiv tad-dwieli, 92/33/KEE dwar il-bejgħ ta' materjal għat-tnissil u tħawwil ta' ħaxix, li ma jkunx żerriegħa, 92/34/KEE dwar il-bejgħ ta' materjal ta' tnissil u tħawwil ta' pjanti tal-frott, 98/56/KE dwar il-bejgħ ta' materjal ta' tnissil ta' pjanti ornamentali, 2002/54/KE dwar il-bejgħ ta' żrieragħ tax-xtieli tal-pitravi, 2002/55/KE dwar il-bejgħ ta' żrieragħ tal-ħaxix, 2002/56/KE dwar il-bejgħ ta' patata taż-żrigħ u 2002/57/KE dwar il-bejgħ ta' żrieragħ li minnhom jingħasar iż-żejt u pjanti tal-fibra fir-rigward ta' testijiet u provi komparattivi ([2]) tal-Komunità, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/765/KE tat-23 ta' Ottubru 2003 li taħseb għall-bejgħ temporanju ta' ċerti żrieragħ ta' l-ispeċi *Secale cereale* u *Triticum durum*, li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ([3]), għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/795/KE ta' l-10 ta' Novembru 2003 li taħseb għall-bejgħ temporanju ta' ċerti żrieragħ ta' l-ispeċi *Vicia faba L.* li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ([4]), għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 2 (Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE), fil-punt 3 (Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE) u fil-punt 13 (Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE) fil-Parti I tal-Kapitolu III ta' l-Anness I tal-Ftehim:

"– **2003 L 0061**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/61/KE tat-18 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 23)."

([1]) ĠU L 88, tas-25.3.2003, p. 39.
([2]) ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 23.
([3]) ĠU L 275, tas-25.10.2003, p. 47.
([4]) ĠU L 296, ta' l-14.11.2003, p. 32.

2. Dan li ġej għandu jizdied fil-punt 11 (Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE) u fil-punt 12 (Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE) fil-Parti I tal-Kapitolu III ta' l-Anness I tal-Ftehim:

", kif emendat bi:

– **32003 L 0061**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/61/KE tat-18 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 23)."

3. Il-punti li ġejjin għandhom jidħlu wara l-punt 25 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/307/KE) fil-Parti 2 tal-Kapitolu III ta' l-Anness I tal-Ftehim:

"26. **32003 D 0765**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/765/KE tat-23 ta' Ottubru 2003 li taħseb għall-bejgħ temporanju ta' ċerti żrieragħ ta' l-ispeċi *Secale cereale* u *Triticum durum* li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE (ĠU L 275, tal-25.10.2003, s. 47).

27. **32003 D 0795**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/795/KE ta' l-10 ta' Novembru 2003 li taħseb għall-bejgħ temporanju ta' ċerti żrieragħ ta' l-ispeċi *Vicia faba L.* li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE (ĠU L 296, ta' l-14.11.2003, p. 32)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2003/61/KE u d-Deċiżjonijiet 2003/765/KE u 2003/795/KE fl-ilsna Islandiż u Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, iridu jkunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' Marzu 2004, bil-kondizzjoni li n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' l-istess Ġurnal.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Marzu 2004.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.